# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI
**A6-0265/2006**

31.8.2006

*****

# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana
(COM(2005)0714 – C6-0034/2006 – 2006/0002(CNS))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Albert Jan Maat

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ..................................................................................................18

PROĊEDURA ..............................................................................................................20

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana (COM(2005)0714 – C6-0034/2006 – 2006/0002(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2005)0714)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0034/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0265/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament ;

4. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konsultazzjoni skond id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu 1975 jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi tal-Parlament |
|---|---|

Emenda 1
Premessa 6

| | |
|---|---|
| (6) L-għan tal-pjan *huwa* li ***jassigura sfruttament*** tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana ***li jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiċi,*** | (6) L-għan tal-pjan *ta' ġestjoni għandu jkun* li ***jerġa' jġib l-istokkijiet*** tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana ***għal-livell ta' prekawzjoni****.* |

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

***ambjentali u soċjali sostenibbli***.

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li għad irid isir dibattitu dwar l-istrateġiji ta' l-MSY (Il-qabda massima sostenibbli, mill-Ingliż "maximum sustainable yield") għall-isfruttament , l-objettiv ta' dan ir-regolament għandu jkun li jerġa' jġib l-istokkijiet għal li kienu. Ikun prematur li wieħed jimplimenta strateġija ta' sfruttament ta' l-MSY għal dawn l-istokkijiet f'dan l-istadju, u dan ikun ukoll kuntrarju għall-opinjoni mogħtija mill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali u għall-miżuri li diġà ġew adottati għal-lingwata fil-Fliegu Ingliż tal-Punent u fil-Bajja ta' Biscay.*

Emenda 2
Premessa 6 a (ġdida)

| | |
|---|---|
| | ***(6a) Konsegwentement, fit-tfassil tal-pjan ta' ġestjoni, wieħed għandu jagħti kas ukoll tal-fatt li r-rata għolja ta' mortalità tal-barbun tat-tbajja' minħabba s-sajd hija fil-biċċa l-kbira kkaġunata mill-ħafna rimi għal-lingwata mit-tkarkir bit-travu.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport tal-Kummissjoni ma jsemmix il-problema tar-rata għolja ta' mortalità tal-barbun tat-tbajja' minħabba s-sajd, li huwa fil-biċċa l-kbira dovut għar-rimi mit-tkarkir bit-travu għal-lingwata.*

Emenda 3
Premessa 7

| | |
|---|---|
| (7) Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jeħtieġ, inter alia, li biex jintlaħaq l-għan *il-*Politika Komuni tas-Sajd, il-Komunità għandha tapplika l-istrateġija ta' prekawzjoni fit-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' l-istokk, li jippermetti *għall-*isfruttament sostenibbli tiegħu u li jnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar. Il-Komunità għandha timmira għal implimentazzjoni progressiva ta' strateġija għall-ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema, u għandu jikkontribwixxi għal attivitajiet ta' sajd effiċjenti fi ħdan industrija tas-sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiva. Dan ir-Regolament għandu jimmira *li* jipprovdi livell ta' għajxien ġust għal dawk dipendenti mis-sajd tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat- | Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jeħtieġ, inter alia, li biex jintlaħaq l-għan *tal-*Politika Komuni tas-Sajd, il-Komunità għandha tapplika l-istrateġija ta' prekawzjoni fit-teħid ta' miżuri għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' l-istokk, li jippermetti *l-*isfruttament sostenibbli tiegħu u li jnaqqas l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar. Il-Komunità għandha timmira għal implimentazzjoni progressiva ta' strateġija għall-ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema, u għandu jikkontribwixxi għal attivitajiet ta' sajd effiċjenti fi ħdan industrija tas-sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiva. Dan ir-Regolament għandu jimmira *biex* jipprovdi livell ta' għajxien ġust għal dawk dipendenti mis-sajd tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar |

| | |
|---|---|
| Tramuntana u jqis l-interessi tal-konsumaturi; | tat-Tramuntana u jqis l-interessi tal-konsumaturi; ***Il-Komunità tibbaża l-politika tagħha parzjalment fuq il-politika rrakkomandata mill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali (RAC) kompetenti.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-opinjonijiet tad-diversi RACs għandhom jitqiesu serjament waqt it-tfassil tal-politika.*

Emenda 4
Premessa 10 a (ġdida)

| | |
|---|---|
| | ***(10a) Fl-2006 l-Kummissjoni se tagħti bidu għal dibattitu dwar strateġija Komunitarja għal tnaqqis gradwali fil-mortalità minħabba s-sajd fl-oqsma tas-sajd ewlenin kollha permezz ta' komunikazzjoni rigward il-kisba ta' l-objettiv ta' l-MSY (il-qabda massima sostenibbli - mill-Ingliż "maximum sustainable yield") sa l-2015. Il-Kummissjoni se tressaq din il-komunikazzjoni lill-RACs għall-opinjoni tagħhom.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-aħħar il-Kummissjoni stqarret li tixtieq tagħti bidu għal dan id-dibattitu.*

Emenda 5
Premessa 10 b (ġdida)

| | |
|---|---|
| | ***(10b) Qabel il-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għandu jsir studju dwar l-impatt li jkun ibbażat fuq tagħrif bijoloġiku u finanzjarju preċiż, oġġettiv u komprensiv; dak l-istudju dwar l-impatt għandu jiġi anness mal-proposta tal-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 2007.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għadha m'għamlitx studju adegwat dwar l-impatt soċjoekonomiku rigward il-proposta tagħha*

Emenda 6
Premessa 10 c (ġdida)

| | |
|---|---|
| | ***(10c) Dan ir-regolament ma jiffissa l-ebda limiti għall-użu tax-xbiek tat-tkarkir bit-travu fis-sajd għall-barbun tat-tbajja' u għal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana. Madanakollu, hemm bżonn li jitnaqqsu l-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' l-użu tax-xbiek tat-tkarkir bit-travu fuq l-ekosistemi u fuq l-ambjent marittimu. Għalhekk, immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq studju dwar l-impatt tat-tkarkir bit-travu fuq l-ekosistemi u fuq l-ambjent marittimu fl-inhawi fejn jiġi pprattikat dan il-metodu ta' sajd. Fuq il-bażi ta' dak l-istudju għandu jitfassal pjan ta' azzjoni għat-tneħħija gradwali ta' metodi u tagħmir tas-sajd li għandhom impatt negattiv fuq l-ekosistemi u fuq l-ambjent marittimu, biex posthom jeħduh metodi u tagħmir tas-sajd li jħallu inqas impatt.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jsir studju dwar l-impatt ambjentali sabiex isir magħruf l-impatt tat-tkarkir bit-travu fuq l-ekosistemi u fuq l-ambjent marittimu. Fuq din il-bażi l-Kummissjoni tkun tista' tħejji pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp u l-introduzzjoni gradwali ta' metodi u tagħmir tas-sajd li jħallu inqas impatt sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent marittimu u jitnaqqas ir-rimi.*

Emenda 7
Artikolu 2

| | |
|---|---|
| 1. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jassigura ***sfruttament sostenibbli ta'*** l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana. | 1. Il-pjan ta' ġestjoni għandu jassigura ***li, jekk*** l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana ***m'humiex diġà fil-livell ta' prekawzjoni, jerġgħu jilħqu dak il-livell***. |
| 2. ***L-għan speċifikat fil-paragrafu 1 għandu jintlaħaq waqt li*** r-rata tal-mortalità *tal-ħut* ***għall-barbun tat-tbajja' fil-Baħar tat-Tramuntana tinżamm f'rata ugwali għal jew mhux inqas minn 0.3.*** | 2. ***Dak l-objettiv għandu jinkiseb billi titnaqqas gradwalment*** ir-rata tal-mortalità *minħabba s-sajd* ***għal dawn l-istokkijiet***. |
| ***3. L-għan speċifikat fil-paragrafu 1 għandu jintlaħaq waqt li l-mortalità tal-ħut għal-lingwata tinżamm f'rata ugwali*** | |

***għal jew mhux inqas minn 0.2.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ġġib ir-regolament f'konformità ma' pjanijiet plurijennali oħra simili.*

Emenda 8
Artikolu 3, paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. ***Kull sena,*** il-Kunsill għandu jiddeċiedi, b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, dwar il-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) ***għas-sena li jmiss*** għall-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana. | 1. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, dwar il-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) ***għal perjodu ta' 3 snin*** għall-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana. |

*Ġustifikazzjoni*

*Kwota plurijennali toffri b'mod aktar ċar il-possibilità ta' rkupru strutturali ta' l-istokkijiet u jagħtu lill-industrija tas-sajd aktar tagħrif ta' min joqgħod fuqu biex iservi bħala bażi għall-ippjanar ta' l-operazzjonijiet tagħha. Kwalunkwe problemi intermedji jistgħu jissolvew permezz ta' miżuri biex jitnaqqas l-isforz tas-sajd (eż. ir-regoli dwar l-għadd ta' jiem fuq il-baħar).*

Emenda 9
Artikolu 3 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Miżuri leġiżlattivi u deċiżjonijiet ta' kull tliet snin dwar it-TAC*** |
| | ***1. Meta l-evalwazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) turi li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv tkun reġgħet ġiet għal-livell ta' prekawzjoni jew għal livell ogħla, il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata rigward:*** |
| | ***(a) livell li wieħed jimmira għalih għall-mortalità minħabba s-sajd fuq perjodu twil ta' żmien;*** |
| | ***u*** |

| | |
|---|---|
| | ***(b) persentaġġ għat-tnaqqis tal-mortalità minħabba s-sajd li għandu jiġi applikat sakemm jintlaħaq il-livell tal-mortalità minħabba s-sajd imsemmi f'(a).*** |
| | ***2. Fuq il-bażi tal-figuri li wieħed ikun immira għalihom u ta' evalwazzjoni xjentifika ex-post, il-Kunsill għandu jiddeċiedi TAC għall-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata għal perjodi ta' tliet snin kull darba.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ġġib ir-regolament f'konformità ma' pjanijiet plurijennali oħra simili. Tipprovdi wkoll biex tiġi deċiża TAC għal tliet snin kull darba li tippermetti livell għoli ta' ċertezza fir-rigward ta' aktar tkabbir ta' l-istokkijiet, filwaqt li fl-istess ħin toħloq ċerta stabilità għall-industrija tas-sajd.*

Emenda 10
Artikolu 4

| | |
|---|---|
| 1. ***Il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC għall-barbun tat-tbajja' għal dak il-livell li, skond evalwazzjoni xjentifika mwettqa mill-*** Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ***hija l-ogħla minn bejn dawn li ġejjin:*** | 1. ***Jekk il-***Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ***jistma, fuq il-bażi ta' l-aktar rapport riċenti ta' l-ICES, il-bijomassa ta' stokk riproduttiv tal-barbun tat-tbajja' bħala inqas mil-livell ta' prekawzjoni ta' 230,000 tunellata, il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC għal perjodu ta' 3 snin. Dan għandu jiġi ffissat b'tali mod li, skond l-istima ta' l-STECF, ikun hemm probabilità raġonevoli li l-istokkijiet jerġgħu lura għal-livell ta' prekawzjoni fi żmien 3 snin.*** |
| ***(a) it-TAC li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta fi tnaqqis ta' 10% fir-rata ta' mortalità tal-ħut fis-sena ta' applikazzjoni tagħha meta mqabbla mar-rata ta' mortalità tal-ħut stmata għas-sena ta' qabel.*** | |
| ***(b) it-TAC li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta f'livell tar-rata ta' mortalità tal-ħut ta' 0.3 mill-età ta' sentejn (2) sa erba' (4) snin fis-sena ta' applikazzjoni tagħha*** | |
| 2. ***Meta l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tirriżulta f'TAC li tgħaddi t-TAC tas-sena*** | 2. ***Jekk dan iwassal għal tnaqqis ta' aktar minn 15% fit-TAC plurijennali, il-Kunsill*** |

***ta' qabel b'aktar minn 15%, il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC li hija 15% akbar mit-TAC ta' dik is-sena.***

3. ***Meta l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tirriżulta f'TAC li hija aktar minn 15% inqas mit-TAC tas-sena ta' qabel, il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC li hija 15% inqas mit-TAC ta' dik is-sena.***

***għandu jiddeċiedi li jimplimenta t-tnaqqis fi stadji, sabiex id-differenzi bejn sena u oħra ma jaqbżux il-15%.***

3. ***Jekk dan iwassal għal żieda ta' aktar minn 15%, għandha tiġi proposta żieda massima ta' 15%[1].***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ġġib ir-regolament f'konformità ma' pjanijiet plurijennali oħra simili kif ukoll tintroduċi l-element ta' TACs plurijennali. Hemm limitu ta' 15% fir-rigward ta' żieda fit-TAC ta' tliet snin anki jekk l-istokkijiet ikunu kibru ħafna aktar. Dan huwa maħsub sabiex jippermetti, meta jasal il-waqt, li wieħed jimxi gradwalment lejn l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-MSY, wara li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu ddeċidew favur dan.*

Emenda 11
Artikolu 5

1. ***Il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC għal-lingwata għal dak il-livell li, skond evalwazzjoni xjentifika mwettqa mill-iSTECF hija l-ogħla minn bejn dawn li ġejjin:***

***(a) it-TAC li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta fl-istess bdil proporzjonat fir-rata ta' mortalità tal-lingwata kif iġġenerat mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1) dwar il-barbun tat-tbajja';***

***(b) it-TAC li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta ta' 0.2 fil-livell tar-rata ta' mortalità tal-ħut fis-sena ta' applikazzjoni tagħha***

***(c) it-TAC li l-applikazzjoni tagħha tirriżulta fi tnaqqis ta' 10% fir-rata ta'***

1. ***Jekk l-STECF jistma, fuq il-bażi ta' l-aktar rapport riċenti ta' l-ICES, il-bijomassa ta' stokk riproduttiv tal-lingwata bħala inqas mil-livell ta' prekawzjoni ta' 35,000 tunellata, il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC għal perjodu ta' 3 snin. Dan għandu jiġi ffissat b'tali mod li, skond l-istima ta' l-STECF, ikun hemm probabilità raġonevoli li l-istokkijiet jerġgħu lura għal-livell ta' prekawzjoni fi żmien 3 snin.***

[1] Nota tat-traduttur: L-Emenda 7 fiha 'voorgesteld' (proposta) hawnhekk, filwaqt li l-Emenda 8 fiha 'vastgesteld' (deċiża). Ma kienx possibbli li wieħed isir jaf liema waħda kienet intenzjonata.

***mortalità tal-ħut fis-sena ta' applikazzjoni tagħha meta mqabbla mar-rata ta' mortalità tal-ħut stmata għas-sena ta' qabel.***

2. ***Meta l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tirriżulta f'TAC li tgħaddi t-TAC tas-sena ta' qabel b'aktar minn 15%, il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC li hija 15% akbar mit-TAC ta' dik is-sena.***

3. ***Meta l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 tirriżulta f'TAC li hija aktar minn 15% inqas mit-TAC tas-sena ta' qabel, il-Kunsill għandu jistabbilixxi TAC li hija 15% inqas mit-TAC ta' dik is-sena.***

2. ***Jekk dan iwassal għal tnaqqis ta' aktar minn 15% fit-TAC plurijennali, il-Kunsill għandu jiddeċiedi li jimplimenta t-tnaqqis fi stadji, sabiex id-differenzi bejn sena u oħra ma jaqbżux il-15%.***

3. ***Jekk dan iwassal għal żieda ta' aktar minn 15%, għandha tiġi deċiża żieda massima ta' 15%[1].***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ġġib ir-regolament f'konformità ma' pjanijiet plurijennali oħra simili kif ukoll tintroduċi l-element ta' TACs plurijennali. Hemm limitu ta' 15% fir-rigward ta' żieda fit-TAC ta' tliet snin anki jekk l-istokkijiet ikunu kibru ħafna aktar. Dan huwa maħsub sabiex jippermetti, meta jasal il-waqt, li wieħed jimxi gradwalment lejn l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-MSY, wara li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu ddeċidew favur dan.*

Emenda 12
Artikolu 6, paragrafu 2

2. Kull sena, il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, dwar in-numru massimu ta' jiem fuq il-baħar disponibbli għal bastimenti Komunitarji tas-sajd ***li jużaw tagħmir tax-xbieki tat-tkarkir bit-travu b'malji ta' daqs ta' 80 mm jew aktar*** u suġġett għas-sistema ta' limitazzjoni ta' l-isforz ta' sajd imsemmija fil-paragrafu 1.

2. ***Għal*** kull sena ***tal-perjodu ta' tliet snin***, il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata, fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni, dwar in-numru massimu ta' jiem fuq il-baħar ***(ikkalkulat f'jiem kilowott)*** disponibbli għal bastimenti Komunitarji tas-sajd ***li jistadu għall-barbun tat-tbajja' jew għal-lingwata jew li jaqbduhom meta jkunu qed jistadu għal speċi oħra*** u suġġett għas-sistema ta' limitazzjoni ta' l-isforz ta' sajd imsemmija fil-paragrafu 1.

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi deċiż l-ikbar għadd ta' jiem fuq il-baħar għal tipi ta' sajd fejn jinqabdu l-barbun tat-tbajja' jew il-lingwata, kemm deliberatament kif ukoll waqt sajd għal speċi oħra. Dan jaqbel mal-metodu magħżul fil-pjan għall-irkupru tal-merluzz.*

[1] Nota tat-traduttur: ara n-nota f'qiegħ il-paġna għall-Emenda 7.

Emenda 13
Artikolu 6, paragrafu 3

| | |
|---|---|
| 3. ***L-aġġustament annwali tan-***numru massimu ta' jiem imsemmi fil-paragrafu 2 ***ta' dan l-Artikolu għandu jkun ta' l-istess proporzjon bħall-aġġustament annwali tar-***rata tal-mortalità *tal-ħut* ***prevista skond l-Artikolu 5(1).*** | 3. ***In-***numru massimu ta' jiem imsemmi fil-paragrafu 2 ***għandu jkun relatat mat-tnaqqis fir-***rata tal-mortalità *minħabba s-sajd* ***prevista fit-TACs plurijennali deċiżi mill-Kunsill.*** |

*Ġustifikazzjoni*

Ir-riferenza għar-rata tal-mortalità minħabba s-sajd fl-Artikolu 5(1) m'għadux postha hawnhekk. Għandu jkun hemm relazzjoni mar-rata tal-mortalità minħabba s-sajd li tkun taqbel mat-TACs plurijennali.

Emenda 14
Artikolu 6, paragrafu 4 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***4a. Fl-adozzjoni ta' dan il-pjan ta' ġestjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana, il-Kunsill jiddeċiedi li l-bastimenti Komunitarji tas-sajd li jintużaw għas-sajd tal-qiegħ għall-ħut ċatt m'għandhomx jibqgħu jkunu suġġetti għar-regoli dwar il-jiem fuq il-baħar previsti fil-pjan għall-irkupru tal-merluzz.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba li jista' jkun hemm bastimenti Komunitarji tas-sajd li jaqgħu kemm taħt dan ir-regolament kif ukoll taħt ir-regolament relatat mal-pjan għall-irkupru tal-merluzz, il-Kunsill għandu jkollu l-opportunità li jikkjarifika liema regoli dwar il-jiem fuq il-baħar japplikaw.*

Emenda 15
Artikolu 8, paragrafu 1

| | |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2807/83, il-marġni permess ta' tolleranza, fl-estimi tal-kwantitajiet, f'kilogrammi ta' piż ħaj miżmuma abbord il-bastimenti Komunitarji tas-sajd li kienu preżenti fil-Baħar tat- | 1. B'deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2807/83, il-marġni permess ta' tolleranza, fl-estimi tal-kwantitajiet, f'kilogrammi ta' piż ħaj miżmuma abbord il-bastimenti Komunitarji tas-sajd li kienu preżenti fil-Baħar tat- |

| | |
|---|---|
| Tramuntana għandu jkun ta' ***8%*** taċ-ċifra mdaħħla fil-ġurnal ta' abbord. Fil-każ li ebda fattur ta' konverżjoni m'huwa stabbilit fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, il-fattur ta' konverżjoni adottat mill-Istati Membri li l-bastimenti jtajru l-bandiera tagħhom għandu japplika. | Tramuntana għandu jkun ta' ***10%*** taċ-ċifra mdaħħla fil-ġurnal ta' abbord. Fil-każ li ebda fattur ta' konverżjoni m'huwa stabbilit fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, il-fattur ta' konverżjoni adottat mill-Istati Membri li l-bastimenti jtajru l-bandiera tagħhom għandu japplika. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-finijiet ta' applikazzjoni prattika, marġni ta' tolleranza ta' 8% joħloq konfużjoni.*

Emenda 16
Artikolu 9

| | |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jassiguraw li ***fir-rigward ta' ħatt l-art magħmul minn kull bastiment Komunitarji tas-sajd li kien preżenti fil-Baħar tat-Tramuntana:*** | L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jassiguraw li ***kwalunkwe kwantità ta' barbun tat-tbajja' li taqbeż il-200 kg u kwalunkwe kwantità ta' lingwata li taqbeż il-100 kg li tkun inqabdet fil-Baħar tat-Tramuntana tintiżen qabel tinbiegħ għall-ewwel darba.*** |
| ***(a) għandhom jintiżnu l-kwantitajiet kollha ta' lingwata u ta' barbun tat-tbajja' minn kull bastiment li jġorr abbord kull kwantità ta' lingwata li tisboq t-300 kg jew ta' barbun tat-tbajja' li tisboq l-500 kg;***<br>***(b) l-użin tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata għandu jitwettaq fil-preżenza ta' kontrolluri u qabel it-trasport tagħhom mill-post li fih inħattu l-art u qabel l-ewwel bejgħ;***<br>***(c)*** il-piż jittieħed bl-użu ta' miżien li l-preċiżjoni tiegħu ġiet ċertifikata fi ħdan marġni raġonevoli ta' tolleranza mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru. | Il-piż ***għandu*** jittieħed bl-użu ta' miżien li l-preċiżjoni tiegħu ġiet ċertifikata fi ħdan marġni raġonevoli ta' tolleranza mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru. |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ġġib ir-regolament f'konformità ma' pjanijiet plurijennali oħra simili. Barra minn hekk twaqqaf il-burokrazija żejda u tneħħi miżuri li jirrikjedu kontrolli sussegwenti.*

Emenda 17
Artikolu 9

| | |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru | L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru |

| | |
|---|---|
| għandhom jassiguraw li ***fir-rigward ta' ħatt l-art magħmul minn kull bastiment Komunitarji tas-sajd li kien preżenti fil-Baħar tat-Tramuntana:*** | għandhom jassiguraw li ***kull kwantità ta' barbun tat-tbajja' li taqbeż il-200 kg u kull kwantità ta' lingwata li taqbeż il-100 kg li tkun inqabdet fil-Baħar tat-Tramuntana tintiżen skond ir-regoli Ewropej attwali qabel tinbiegħ għall-ewwel darba.*** |
| ***(a) għandhom jintiżnu l-kwantitajiet kollha ta' lingwata u ta' barbun tat-tbajja' minn kull bastiment li jġorr abbord kull kwantità ta' lingwata li tisboq t-300 kg jew ta' barbun tat-tbajja' li tisboq l-500 kg;*** | ***Il-piż għandu jittieħed bl-użu ta' miżien li l-preċiżjoni tiegħu ġiet ċertifikata fi ħdan marġni raġonevoli ta' tolleranza skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru.*** |
| ***(b) l-użin tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata għandu jitwettaq fil-preżenza ta' kontrolluri u qabel it-trasport tagħhom mill-post li fih inħattu l-art u qabel l-ewwel bejgħ;*** | |
| ***(c) il-piż jittieħed bl-użu ta' miżien li l-preċiżjoni tiegħu ġiet ċertifikata fi ħdan marġni raġonevoli ta' tolleranza mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru.*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda ġġib ir-regolament f'konformità ma' pjanijiet plurijennali oħra simili. Barra minn hekk twaqqaf il-burokrazija żejda u miżuri li jkunu jridu jiġu vverifikati sussegwentement.*

Emenda 18
Artikolu 11, paragrafu 2

| | |
|---|---|
| 2. ***KonteErituri li jżommu*** barbun tat-tbajja' ***jew*** lingwata għandhom jiġu stivati ***separatament mill-kontenituri oħra***. | 2. ***Il-***barbun tat-tbajja' ***u l-***ligwata għandhom jiġu stivati ***f'kaxex tal-ħut separati***. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-test oriġinali jissuġġerixxi li fuq il-bastimenti tas-sajd ikun hemm diversi postijiet separati għall-ħażna.*

Emenda 19
Artikolu 13 a (ġdid)

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a*** |
| | ***Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp u l-użu ta'*** |

***metodi u tagħmir tas-sajd b'impatt żgħir***

***Immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha tagħmel studju fil-fond dwar l-impatt tat-tkarkir bit-travu fuq l-ekosistemi u fuq l-ambjent marittimu f'inħawi fejn jiġi ppattikat dan il-metodu ta' sajd.***

***Fuq il-konklużjonijiet ta' dan l-istudju, il-Kummissjoni għandha tħejji pjan ta' azzjoni sabiex tippromwovi r-riċerka dwar metodi u tagħmir tas-sajd b'impatt żgħir - inkluża riċerka fuq id-daqs u l-għamla tax-xbiek, li jista' jiżgura l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd - u l-iżvilupp ta' tali riċerka. Fl-istess ħin, dan il-pjan ta' azzjoni għandu jistabbilixxi linji gwida għat-tneħħija gradwali ta' metodi u tagħmir tas-sajd li għandhom impatt negattiv fuq l-ekosistemi u fuq l-ambjent marittimu, biex posthom jeħduh metodi u tagħmir tas-sajd li jħallu inqas impatt. Inizjattivi skond dan il-pjan ta' azzjoni għandhom ikunu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għas-Sajd skond l-objettivi tal-Fond.***

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-artikolu qed jiġi miżjud minħabba li r-regolament jonqsu taqsima dwar l-iżvilupp u l-użu ta' metodu u tagħmir tas-sajd bi mpatt żgħir. Sabiex fl-Ewropa jkun hawn sajd sostenibbli, jeħtieġ li jiġu żviluppati u introdotti metodi u tagħmir bi mpatt żgħir, bil-ħsieb, inter alia, li jitnaqqas ir-rimi u b'hekk titnaqqas ir-rata tal-mortalità ta' ħut bħall-barbun tat-tbajja' minħabba s-sajd. Il-finanzjament jista' jinkiseb mill-Fond Ewropew għas-Sajd, ladarba l-objettivi tal-Fond huma konformi ma' l-għanijiet ta' tali riċerka.*

Emenda 20
Artikolu 15

| | |
|---|---|
| F'każ li l-STECF jagħti parir li d-daqs ta' l-istokk riproduttiv tal-barbun tat-tbajja', dak tal-lingwata, jew it-tnejn qed isofru minn tnaqqis fil-kapaċità riproduttiva, il-Kunsill ***għandu*** jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni dwar TAC għall-barbun tat-tbajja' li hija inqas minn dik prevista fl-Artikolu 4, dwar TAC għal-lingwata li hija | F'każ li l-STECF jagħti parir li d-daqs ta' l-istokk riproduttiv tal-barbun tat-tbajja', dak tal-lingwata, jew it-tnejn qed isofru minn tnaqqis fil-kapaċità riproduttiva, il-Kunsill ***jista'*** jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni dwar TAC għall-barbun tat-tbajja' li hija inqas minn dik prevista fl-Artikolu 4, dwar TAC għal-lingwata li hija inqas minn dik |

| | |
|---|---|
| inqas minn dik prevista fl-Artikolu 5, u dwar numru ta' jiem fuq il-baħar li huwa inqas minn dak previst fl-Artikolu 6. | prevista fl-Artikolu 5, u dwar numru ta' jiem fuq il-baħar li huwa inqas minn dak previst fl-Artikolu 6. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ladarba hawnhekk issir riferenza għal opinonijiet differenti, huwa possibbli li jkun hemm għażla.*

## NOTA SPJEGATTIVA

Fejn tidħol l-istrateġija, il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana taqbel mal-politika Ewropea li tfittex li tistabbilixxi politika Komunitarja sostenibbli dwar is-sajd. Huwa żvilupp loġiku fuq il-miżuri biex jerġgħu jiġu għal-livell li kienu l-istokkijiet tal-lingwata fil-Fliegu Ingliż tal-Punent u fil-Bajja ta' Biscay (COM(2003)0819).

Bir-raġun il-Kummissjoni tiddikjara fil-memorandum spjegattiv tagħha dwar il-proposta li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali dwar il-Baħar tat-Tramuntana (l-NSRAC) huwa l-forum ewlieni li jagħti l-pariri relatati mal-proposta. L-NSRAC huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-industrija tas-sajd u, inter alia, ta' organizzazzjonijiet ambjentali.

Jolqtok il-fatt li l-Kummissjoni tagħraf li l-NSRAC huwa l-forum konsultattiv ewlieni imma sussegwentement qatt ma tirreferi għall-opinjoni ta' l-NSRAC. L-unika xhieda li fuqha hija msejsa l-proposta hija opinjonijiet mogħtija minn żewġ korpi konsultattivi tekniċi: Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (l-ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF).

Minħabba x-xejriet fl-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana, huwa dritt li l-Kummissjoni għandha tipproponi pjan ta' ġestjoni. Iżda li tiġi injorata l-opinjoni tal-forum ewlieni fejn il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-industrija tas-sajd u lill-organizzazzjonijiet ambjentali huwa bla dubju eżempju mill-aqwa ta' għaliex kibret daqstant id-distanza bejn Brussell u r-residenti ta' l-Unjoni Ewropea. Fora bħall-NSRAC inħolqu preċiżament sabiex jiżguraw li l-politiki fformulati fi Brussell ma jkunux ta' spiss magħmula 'għalik, mingħajrek'.

Għaldaqstant, meta injorat għal kollox lill-NSRAC, il-Kummissjoni tilfet opportunità biex tiġġenera appoġġ għall-politika tagħha stess. L-NSRAC wera li huwa perfettament possibbli anki għall-organizzazzjonijiet tas-sajd u ambjentali u għall-bijoloġisti biex jaqblu dwar modi prattiċi biex jiġu kkonservati stokkijiet adegwati ta' barbun tat-tbajja' u ta' lingwata. Pereżempju, kalkolu xjentifiku ex-ante bbażat fuq l-opinjoni ta' l-NSRAC dwar miżuri immedjati, fuq perjodu qasir ta' żmien rigward il-barbun tat-tbajja' (Lulju 2005) wera li, bl-implimentazzjoni tal-proposti ta' l-NSRAC, kienet kważi ħaġa ċerta li jintlaħaq l-għan maħsub li, f'bejn 3 u 5 snin, jiġu rkuprati l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' għal 'il fuq sew mil-livell ta' prekawzjoni billi jitnaqqas l-isforz tas-sajd (RIVO, 2006).

Il-Kummissjoni tilfet ukoll opportunità oħra minħabba li l-proposta kurrenti hija differenti mid-deċiżjonijiet ta' qabel biex jiġu rkuprati l-istokkijiet tal-lingwata fil-Fliegu Ingliż tal-Punent u fil-Bajja ta' Biscay. Politiki kredibbli ikunu karatterizzati mill-konsistenza u minn metodu kostanti ta' kif isiru l-affarijiet u jiżguraw li r-reġjuni ma jiġux trattati b'modi differenti.

Finalment, ir-rapporteur tagħkom għandu oġġezzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni, ibbażata fuq kwistjoni ta' prinċipju. Il-proposta hija bbażata fuq l-objettivi ta' l-MSY.

-{}-Madanakollu, l-iżvilupp ta' l-istrateġiji ta' l-MSY għall-isfruttament għad iridu jiġu dibattuti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Il-Kummissjoni indikat li tixtieq tagħti bidu għal dan id-dibattitu fl-ewwel nofs ta' l-2006[1]. Fl-opinjoni tar-rapporteur tagħkom, huwa prematur li jiġi implimentat metodu li għadu ma ntlaħaqx qbil dwaru fil-Parlament u fil-Kunsill u jekk isir dan ma jkunx jaqbel mal-prinċipju Komunitarju ta' 'gvern tajjeb' kif stabbilit fil-white paper rilevanti.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rapporteur tagħkom ifformula emendi li:

- jiżguraw il-konsistenza tal-poltika, b'mod li jġibu l-proposti f'konformità mal-pjanijiet ta' ġestjoni u mal-pjanijiet plurijennali fi nħawi marittimi oħra għall-istess speċi,

- jagħtu kas ta' l-opinjonijiet tal-fora reġjonali li fihom huma rappreżentati kemm l-industrija tas-sajd kif ukoll l-organizzazzjonijiet favur in-natura u dawk ambjentali,

- huma maħsuba biex jirkupraw l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana għal-livell ta' prekawzjoni qabel ma, b'xi mod jew ieħor, tiġi implimentata strateġija ta' sfruttament ta' l-MSY.

**F'isem il-Parlament Ewropew, ir-rapporteur tagħkom għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jemendaw id-deċiżjoni finali tal-Kunsill skond l-emendi adottati.**

[1] COM(2006)0103, p. 10.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana |
| **Referenzi** | COM(2005)0714 – C6-0034/2006 – 2006/0002(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 30.1.2006 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | PECH<br>2.2.2006 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>2.2.2006 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | ENVI<br>30.1.2006 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Albert Jan Maat<br>15.2.2006 |
| **Rapporteur(s) preċedenti** | |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** Data tad-deċiżjoni | |
| **Bażi legali kkontestata**<br>Data ta' l-opinjoni tal-JURI | |
| **Dotazzjoni finanzjarja emendata**<br>Data ta' l-opinjoni tal-BUDG | |
| **Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja** | |
| **Konsultazzjoni mill-PE mal-Kumitat tar-Reġjuni - data tad-deċiżjoni fis-seduta plenarja** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 23.2.2006 18.4.2006 20.6.2006 11.7.2006 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 28.8.2006 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 16<br>–: 0<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Iles Braghetto, Luis Manuel Capoulas Santos, Paulo Casaca, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Carmen Fraga Estévez, Alfred Gomolka, Pedro Guerreiro, Heinz Kindermann, Henrik Dam Kristensen, Albert Jan Maat, Philippe Morillon, Willi Piecyk, Dirk Sterckx, Margie Sudre |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Carl Schlyter |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Alfonso Andria, Kyriacos Triantaphyllides |
| **Data tat-tressiq** | 31.8.2006 |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | ... |